MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Josric Mifsud)**

**vs**

**Jamal Badawi ta' 22 sena Rageb u Hawwa nee Lgadi, mwieled Ateni (Grecja), nhar 19/07/81, residenti fil-fond numru 50, Appartament Nru. 7, Telghet B'Kara, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 23508 (A).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jamal Badawi li gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Dicembru,

2003 go San Giljan ghall-habta tal-23.30 ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-perusna ta' WPS 45 Marisa Bartolo, PC 1013 Raymond Debono, u PC 1183 Oliver Borg bhala ufficjali nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb, li jbezzagghom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

U aktar talli fl-istess post, data, hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra WPS 45 Marisa Bartolo, PC 1013 Raymond Debono, u PC 1183 Oliver Borg, bhala persuna nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwat li agixxew ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess post, data, u hin kiser il-bon ordni u paci pubblika, b'ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Issibu hati fuq ammissjoni. Rat l-artikli 95, 96, 338 u 17 tal-kap 9. Dwar il-peian rat li ma gietx esebita fedina penali. Rat il-pre-sentencing report ta' Mary Rose Farrugia.

Ghaldaqstant dwar il-piena qeghda tapplika l-artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tqeghdu taht ordni ta' probation ghal sentejn mil-llum taht il-kundizzjonijiet spjegati fl-annessa Probation Order.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 1049/03**

**Illum 20 ta’ Frar, 2004.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Josric Mifsud)**

**vs**

**Jamal Badawi ta’ 22 sena Rageb u**
**Hawwa nee Lgadi, mwieled Ateni (Grecja),**

**nhar 19/07/81, residenti fil-fond numru 50, Appartament Nru. 7, Telghet B'Kara, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 23508 (A).**

**Ordni ta' Probation**

Il-Qorti,

Jamal Badawi ghandu mil-llum stess jibda programm kontra l-abbuz ta' alkohol u dan fi hdan l-Agenzija Sedqa u dan ghal perjodu ta' sentejn.

Tordna lill-hawn fuq imsemmi Jamal Badawi li jobdi dawk id-direttivi kollha li jinghataw lilu mill-Probation Officer Mary Rose Farrugia u mill-istess Agenzija matul id-durata ta' din l-ordni.

Illi hu ghandu jsegwi d-direttivi kollha lilu moghtija mill-istess Agenzija u l-istess probation officer, b'dan li ghandu joqghod ghal kull random urine test minnha mitlub.

Il-Qorti tordna wkoll ai termini ta' l-artikolu 8 tal-Kap 446 li l-probation officer tirraporta lilha dwar l-andament ta' Jamal Badawi kull tmien gimghat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------